MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2007

Numru. 276/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Raymond Grech bin Emanuel u Maria nee' Bezzina, imwieled fit-2 ta' Marzu 1970 u residenti September Morn, Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 8270(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Grech li gie akkuzat talli nhar il-20 ta' Frar, 2007 ghal habta ta' 12:00 hrs waqt li kien qed isuq vettura AAR 545 ta' ghamla Suzuki fi Triq taht Putirjal, Rabat, Ghawdex laqat lil Nigel Caruana mill-Hamrun u nvolontarjament

ikkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond kif certifikat minn Dr. P. Sciberras MD mill-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

Rat id-dokumenti esebieti,

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi kien it-tifel u cioe’ il-vittma, li hareg minn hanut minghajr pre-avviz.

Il-Qorti ghalhekk ma tista tirriaviza l-ebda nuqqas ta’ attenzjoni jew traskuragini da parti ta’l-imputat li irrizulta li kien qieghed isuq bl-attenzjoni u bi speed baxx u waqqaf immedjatament il-vettura ma’l-impatt.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikolu 226(1), ma issibx l-imputat hati ta’l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------